KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 38** **Tlieta 26 ta' Ottubru 2021**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Angele Rapa - Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

**MISTIEDEN:**
Dott. Mario Mifsud - Avukat tal-Kunsill

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

**38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija, tal-Kunsilliera Rapa, Bonnici, Micallef, S. Abela u R. Abela. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 37**

**REF: 35.3.1 Kommunikazzjoni – Cloud PABX**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tal-GO plc nfurmawna li l-multa hija ta' 870 Ewro. Il-Kunsillier Cassar nforma li l-PABX tal-Melita hija aktar addatta għal-bżonnijiet tal-Kunsill.
Il-membri preżenti unanimament approvaw li titħallas il-multa u jsir il-*migration* mal-Melita.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex ssir laqgħa mal-Melita.

**REF: 37.3.3 Kommunikazzjoni – PA 9958/18 Demolition of Exisiting Public Convenience; Works Order 110/2021.**
Is-Sindku nfurmat li sar *meeting* ma l-Inġinier Galea Curmi flimkien ma Daniel il-Perit tal-Kunsill biex jinħadem it-tender, il-parti fejn jidħol id-dawl.

Il-Viċi Sindku talab biex nfakkru lil Perit tal-Kunsill jekk daħħalx l-permess tal-*canopy.*

**REF: 37.4.2 Bus Stop Pjazza Sta. Margerita**
Il-Kunsillier Deguara nforma li s'issa jidher li ma baqax jintrema skart illegali.

**REF: 37.4.4 Magazine tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li s'issa min bagħat il-kitba tiegħu/tagħha għal magazine huma dawn; Il-Kunsilliera Gatt, Rapa, Camilleri, Micallef, Farrugia, R. Abela u s-Soċjetajiet 15 t'Awissu u Nicolo Isouard, u ntalbu wkoll biex jaġġornaw il-kitbiet tagħhom, peress li saru attivitajiet oħra min dak iż-żmien li nkitbu.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li min mhux ser jibgħat il-kitba tiegħu bħala Kunsillier, sad-*deadline* finali li qed jitlob il-Kunsillier Deguara, ovvjament mhux ser jkunu jistgħu jiġu nklużi fil-*magazine.*

**REF: 37.4.5 CCTV Pjazza**
Is-Sindku talbet *update* dwar is-CCTV tal-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma kellhiex ċans tmexxi bl-applikazzjoni u ħa tieħu ħsieb tkellem lil G4S, biex iddur magħhom l-affarijiet li fadal.

**REF: 37.4.7 Walking Club**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li qed jaħdem fuqha.

**REF: 37.4.8 PAMA**
Is-Sindku nfurmat li flimkien mas-Segretarju Eźekuttiv saret laqgħa mal-PAMA, fejn nfurmawna li ħa jitkellmu mal-kuntrattur tagħhom dwar ix-xogħol, u *update* tal-BOQ peress li għadda ż-żmien. Is-Sindku żiedet tgħid li kellna niltaqgħu fiż-żmien ġimgħa biex flimkien mal-kuntrattur tal-PAMA jsiru *time-frames* biex jibda u jitlesta l-proġett.

Din il-laqgħa li kellha ssir fiż-żmien ġimgħa, ġiet ikkanċellata ġurnata qabel mil-PAMA għax infurmawna li m'għandhomx kuntrattur, u kif kien ġie deċiż f-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, l-avukat tal-Kunsill ntalab biex jibgħat ittra legali lil-PAMA reġistrata l-qorti, għax ma jistax jkun wara daż-żmien kollu il-PAMA qed jibqgħu jitratenu biex jibda l-proġett Ġnien Kevin Vella.

**REF: 37.4.9 Outdoor Gym**
Is-Sindku nfurmat li ser jirnexxielna nagħmlu l-*irrigation*, fejn diġà twassal l-ilma. Kif wkoll rċevejna aktar kwotazzjonijiet ta' *pots*, u fadal kwotazzjoni oħra mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill ta' *concrete pots* bil-*fibre.*
Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet biex tiġbor il-kwotazzjonijiet f'*excel sheet* u jintbagħtu lil-Kunsilliera.

**REF: 37.4.12 Main Street**
Il-Viċi nforma li l-kuntrattur ta' Infrastructure Malta nfurmana li mhux suppost jkun hemm problema biex jaqdina fix-xogħol tal-bankina, però uffiċjali bil-miktub għad ma rċevejna xejn.

Saret diskussjoni, għax jekk ma nimxux mat-*time frame* ta' Infrastructure Malta, il-bankina trid issir bil-*concrete*.

Il-Viċi Sindku ħa jerġa jitkellem mal-kuntrattur ta' Infrastructure Malta biex jikkonferma lil-Kunsill bil-miktub, li jista' jagħmel ix-xogħol tal-bankina. Jekk sal ġimgħa 29 t'Ottubru il-kuntrattur ta' Infrastructure Malta ma jikkonfermax, il-membri preżenti approvaw li ssir laqgħa ma Adam il-kuntrattur tal-Kunsill, biex jagħmel ix-xogħol tal-bankina.

**REF: 37.4.13 Triq Gio. C. Dei Marchesi Mallia Tabone**
Is-Sindku nfurmat li Triq Gio. C. Dei Marchesi Mallia Tabone tlestiet, triq Rafel Caruana Dingli issa tkompliet wkoll, wara li kien hemm rapport ta' COVID u l-ħaddiema żarmaw, imbagħad il-kuntrattur spiċċa ma kompliex, imma daħal jkompli wara li ġew mposti l-multi fuqu.
Dwar triq l-Assemblea Nazzjonali xogħolijiet għaddejjin wkoll, u triq Bergamot inbiddlu x-xogħolijiet.

Il-Kunsillier Cassar staqsa dwar triq Bonnijiet, u s-Sindku nfurmat li tkellmet ma Infrastructure Malta mas-Sur Frederick, biex jimmarka sa fejn ħa jaħdmu Infrastructure Malta. Is-Sindku nfurmat li ħa terġa tkellem lil Frederick għax jista' jkun ser jkomplu t-triq huma l-parti li kellu jagħmel il-Kunsill. Il-Kunsillier Cassar nforma li jekk it-triq ħa ssir kollha min Infrastructure Malta, irridu navżaw ir-Reġjun biex nużaw il-fondi fi triq oħra.

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat u Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nfurmat li fi triq Durumblat komplew ix-xogħolijiet. Il-Kunsillier Cassar nforma li bdew jkomplu jaħdmu llum, però ix-xogħol li hemm miftuħ mil mitħna sa ta' l-irħam sejrin lejn ir-Rabat, il-bankini għadhom ħofor, u hemmhekk jgħaddu jimxu ħafna nies u qed jimxu fit-triq. Għalhekk il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku biex t'imbotta ma Infrastructure Malta ħalli jitlestew il-bankini.

Il-Viċi Sindku nforma li kien bagħat imejl lil-Perit Rodney ta' Infrastructure Malta fejn talbu biex il-bankini ma jkunux interrotti u jitneħħew il-*layby's,* fejn il-Perit irrisponda li jaqbel, fuq l-*expropriation* ta' quddiem iċ-ċimiterju, fejn il-Perit irrisponda li qed jaħdmu fuqha imma għad ma ġietx konkluża, u fuq iz-zona fejn il-kappella biex tiġi mtejjba, fejn il-Perit talab lil-Viċi biex jipprepara disinn.
Il-Kunsilliera Cassar staqsa jekk bagħatux il-pjanti l-*revised* tar-*roundabout*, u jekk il-*crossing over* hux ħa tibqa. Il-Viċi nforma li r-*revised plans* għadhom ma ntbagħatux.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex titlob ir-*revised plans.*

**REF: 37.4.17 Vjal Qalbiena Mostin**
Is-Sindku nfurmat li qed tistenna lis-Sur Lawrence Darmanin jkellimha lura.

**REF: 37.4.18 Public Consultation Tarġa Gap, Żokkrija**
Is-Sindku nfurmat li llum iffirmat l-ittra, u stenniet s'issa biex tintbagħat biex tkun tista' toħroġ id-dati sew, fejn ir-residenti jistgħu jċemplu u jagħmlu *meeting* sat-12 ta' Novembru.

**REF: 37.4.20 Kotba mir-Reġjun**
Is-Sindku nfurmat li s'issa is-*softbound* biss għadna rċevejna mir-reġjun.

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge condition report**
Il-Kunsillier Cassar talab *update,* u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Perit tal-Kunsill għandu jiltaqa' ma l-*Istructural Engineer,* fil-jiem li ġejjien.

**REF: 35.3.4 Quote for Illuminated Bollards in Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u Dawl tal-Pont**
Il-Kunsillier Cassar nforma li llum irċevejna l-kwotazzjoni fejn *supply* biss huwa ta' €17,000 u staqsa kif ser nipproċedu.

Fis 7:25pm daħal għal laqgħa l-avukat tal-Kunsill Dott. Mario Mifsud.

Saret diskussjoni dwar l-*ispecifications*, u l-membri preżenti unanimament qablu biex jinħareġ it-tender, skond l-*ispecifications* li bagħat l-Inġinier.

Il-Kunsillier Cassar nforma li rċevejna wkoll kwotazzjoni għad-dawl tal-pont, li tammonta għal €407,000, liema ħa tiġi diskussa aktar tard.

**REF: 35.4.6 Tables & Chairs**
Il-Kunsillier Cassar nforma li t-Traffic Management Committee ma jistax jiddiskuti u jiddeċiedi fuq dawn l-affarijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li f-laqgħa reċenti tal-Kunsill, it-Traffic Management Committee talab biex nibgħatu kull talba li tidħol.

Il-Kunsillier Cassar ikkonferma li min issa l-quddiem dawn huma biss l-affarijiet li t-Traffic Management Committee jista' jiddiskuti u jevalwa fuqhom.

- yellow lines f'kantunieri
- yellow lines maġenb garaxxijiet
- parking bays bojod.

**REF: 36.3.9 Kommunikazzjoni - Lista għal-lampi dekorattivi Fażi 3**
Il-Kunsilliera Cassar beda biex jgħid li fil-lista l-ġdida hemm madwar 59 lampa, li dawn jiswew madwar €1,000 l-waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mhux il-prezz biss, imma kien hemm min mil-Kunsilliera li ssuġġerixxa lampi f'toroq li m'humiex sqaqien ġo *village core* u/jew zoni UCA. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li din hija deċiżjoni tal-Kunsill, imma dawn il-lampi jekk ħa jitwaħħlu f'toroq ġodda, jew fejn hemm appartamenti ġodda, apparti li ma jmorrux ħa jinħoloq preċedent.
Il-Kunsillier Cassar nforma li hu wkoll ried jwassal dan il-messaġġ, dwar it-toroq proposti.
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex il-lista tintbagħat lit-Traffic Management Committee, biex jkun dan il-kumitat li jiffinalizza l-lista tat-toroq.

Il-membri preżenti unanimament approvaw, li l-lista tgħaddi lit-Traffic Management Committee.

**REF: 34.3.2 Kommunikazzjoni -Jupiter Roundabout New Statue**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk irċevejnhiex risposta min Infrastructure Malta, u s-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li le. Il-Kunsilliera Cassar talab biex nerġgħu nibgħatu *reminder.*

**REF: 37.4.11 Ġnien Grognet de Vasse**
Il-Kunsillier Cassar talab *update.* Is-Sindku nfurmat li qed twaħħal l-*equipment* u għad fadal li jsir il-konkos.

**37.4.16 Triq Alwetta**
Il-Kunsillier Cassar nforma li tappiera għada għolja. Is-Sindku nfurmat li għad trid titbaxxa.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 37.

Fis 7:30pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex jinqraw *items* 38.4, kif wkoll f'dan il-ħin intfew il-mikrofoni minħabba raġunijiet ta' etika.

**38.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**38.3.1 Kommunikazzjoni - Talba tas-servizz tad-dawl**

Is-Sindku nfurmat li t-Traffic Management Committee ma laqgħax din it-talba.

**38.4 Rapporti**

**38.4.1 Update – Tal-General vs Kunsill Lokali Mosta**

L-avukat tal-Kunsill ta' *update* dwar l-arbitraġġ bejn tal-Ġeneral u l-Kunsill Lokali tal-Mosta.

**38.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**38.5.1 Laqgħat tal-Kunsill u Laqgħa Pubblika**

Saret diskussjoni u l-membri preżenti qablu fuq dawn id-dati;

- Laqgħat tal-Kunsill 23 ta' Novembru u 14 ta' Diċembru 2021.
- Laqgħa Pubblika 7 ta' Diċembru 2021.

Biex ma jinqabisx il-ħin tal-laqgħa, il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u l-membri preżenti unanimament qablu biex tiġi aġġornata għat-28 t'Ottubru 2021 fil-5:00pm, sabiex jinqraw il-kommunikazzjoni u korrispondenza mis-Sindku, tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-Kunsilliera u jiġu approvati l-pagamenti.

Konfermati llum 26 ta' Ottubru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda Baldacchino Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |